*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 18,502, 6 ta' Novembru, 2009*
*Taqsima B*

**A.L. 328 tal-2009**

## ATT KONTRA *MONEY LAUNDERING* (KAP. 373)

### Regolamenti ta' l-2009 li jemendaw ir-Regolamenti dwar *Money Laundering* u Finanzjar ta' Terroriżmu

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 ta' l-Att Kontra *Money Laundering*, il-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2009 li jemendaw ir-Regolamenti kontra *Money Laundering* u Finanzjar ta' Terroriżmu, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti kontra *Money Laundering* u Finanzjar ta' Terroriżmu, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 373.01.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

**2.** Fir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali, it-tifsira "kummerċ finanzjarju rilevanti" għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) fil-paragrafu (ċ) tagħha, minflok il-kliem "Att dwar l-Intermedjarji fl-Assigurazzjoni;" għandhom jidħlu l-kliem "Att dwar l-Intermedjarji fl-Assigurazzjoni, kull kummerċ ta' l-assigurazzjoni mmexxi minn persuna skont ir-Regolamenti dwar *Insurance Business (Companies Carrying on Business of Affiliated Insurance) Regulations*, u kull kummerċ ta' l-assigurazzjoni mmexxi minn kumpannija ċellulari skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti dwar l-Att dwar il-Kumpanniji (Kumpanniji Ċellulari li Jmexxu Kummerċ ta' Assigurazzjoni);"; u Kap. 487. L.S.403.11. L.S.386.10.

(b) fil-paragrafu (f) tagħha, minnufih wara l-kliem "skema ta' investiment kollettiv" għandhom jiżdiedu l-kliem "li tkun qegħda tqiegħed fis-suq l-unitajiet jew l-ishma tagħha,".

Jemenda r-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali.

**3.** Is-subregolament (3) tar-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (a) tiegħu, minflok il-kliem "poloz ta' l-assigurazzjoni fuq il-ħajja" għandhom jidħlu l-kliem "poloz ta' l-assigurazzjoni"; u

(b) fit-test Ingliż tal-paragrafu (b) tiegħu, minflok il-kliem "life insurance" għandha tidħol il-kelma "insurance".

VERŻJONI ELETTRONIKA



Jemenda r-regolament 17 tar-regolamenti prinċipali.

**4.** Fis-subregolament (3) tar-regolament 17 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "l-paragrafu (h)" għandhom jidħlu l-kliem "l-paragrafu (i)".

---

VERŻJONI ELETTRONIKA



**L.N. 328 of 2009**

## PREVENTION OF MONEY LAUNDERING ACT (CAP. 373)

### Prevention of Money Laundering and Funding of Terrorism (Amendment) Regulations, 2009

IN exercise of the powers conferred by article 12 of the Prevention of Money Laundering Act, the Minister of Finance, the Economy and Investment has made the following regulations:-

Citation.

S.L. 373.01

**1.** The title of these regulations is the Prevention of Money Laundering and Funding of Terrorism (Amendment) Regulations, 2009 and they shall be read and construed as one with the Prevention of Money Laundering and Funding of Terrorism Regulations, hereinafter referred to as "the principal regulations".

Amends regulation 2 of the principal regulations.

**2.** In regulation 2 of the principal regulations, the definition "relevant financial business" shall be amended as follows:

Cap. 487.

S.L.403.11.

S.L.386.10

(a) in paragraph (c) thereof, for the words "Insurance Intermediaries Act;" there shall be substituted the words "Insurance Intermediaries Act, any affiliated insurance business carried on by a person in accordance with the Insurance Business (Companies Carrying on Business of Affiliated Insurance) Regulations, and any business of insurance carried on by a cell company in accordance with the provisions of the Companies Act (Cell Companies Carrying on Business of Insurance) Regulations;"; and

(b) in paragraph (f) thereof, immediately after the words "a collective investment scheme" there shall be added the words "marketing its units or shares,".

Amends regulation 10 of the principal regulations.

**3.** Sub-regulation (3) of regulation 10 of the principal regulations shall be amended as follows:

(a) in paragraph (a) thereof, for the words "life insurance" there shall be substituted the word "insurance"; and

(b) in paragraph (b) thereof, for the words "life insurance" there shall be substituted the word "insurance".

VERŻJONI ELETTRONIKA



Amends regulation 17 of the principal regulations.

**4.** In sub-regulation (3) of regulation 17 of the principal regulations, for the words "paragraph (h)" there shall be substituted the words "paragraph (i)".

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) Valletta - *Published by the Department of Information - (doi.gov.mt) - Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta riċiklata - *Printed at the Government Printing Press on recycled paper*

Prezz/*Price*
€0.19